**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-TLIETA 9 TA' LULJU, 2002**

**Numru: 10**

**Avviz Nru: 1036/02 AE**

**John Lentini ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Moyra Cutajar sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Moyra Cutajar**

**vs**

**Margaret Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' erbgha mija u erbgha u tmenin lira Maltija u disgha

centezmi (Lm484.09) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident tat-traffiku li sehh fis-17 ta' Jannar 2001 fi Triq l-Iklin, l-Iklin bejn vettura bin-numru MEG 116 misjuqa mill-konvenuta u l-vettura bin-numru CUT 214 misjuqa mill-attrici, liema incident sehh tort tal-konvenuta.

Ra n-nota ta' ammissjoni li giet prezentata mill-konvenuta fis-seduta tal-lum.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' erbgha mija u erbgha u tmenin lira Maltija u disgha centezmi (Lm484.09), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) jithallsu mill-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**